

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2007 — Pfizer vs L-UASI — Isdin (ISDIN Pediatrics)**

(Kawża T-355/07)

(2007/C 269/116)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pfizer Ltd (Sandwich, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: V. von Bomhard, A. Renck, T. Dolde, lawyers, u M. Hawkins, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appell: Isdin, SA (Barcellona, Spanja)

**Talbiet**

- Tannulla d-Deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni) tat-28 ta' Ġunju 2007 fil-Każ R 566/2006-1; u
- tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark* Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: Il-marka figurattiva "ISDIN Pediatrics" għal prodotti fost oħrajn fil-klassi 5 — *Trade mark* Komunitarja Nru 1 243 807

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Isdin, SA

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: It-trade mark verbali nazzjonali "ISTIN" għal prodotti fil-klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: Dikjarazzjoni parzjali ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Annullament tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni safejn iddikjarat l-invalidità tat-trade mark Komunitarja

Motivi invokati: Ksur tad-dritt tar-rikorrenti li tiġi mismugħa skond l-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 u ksur ta' l-Artikolu 52 moqri flimkien ma' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament.

**Rikors ippreżentat fit-19 ta' Settembru 2007 — Pfizer vs L-UASI — Isdin (ISDIN 14-8.000)**

(Kawża T-356/07)

(2007/C 269/117)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pfizer Ltd (Sandwich, l-Ingilterra) (rappreżentanti: V. von Bomhard, A. Renck, T. Dolde, lawyers, u M. Hawkins, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Isdin, SA (Barcellona, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-Deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni) tat-28 ta' Ġunju 2007 fil-Każ R 565/2006-1; u
- tordna li l-konvenut għandu jbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark* Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal annullament: It-trade mark verbali "ISDIN 14-8.000" għal prodotti fost l-oħrajn fil-klassi 5 — *trade mark* Komunitarja Nru 1 243 633

Proprietarja tat-trade mark Komunitarja: Isdin, SA

Parti li qed titlob l-annullament tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob l-annullament: It-trade mark verbali nazzjonali "ISTIN" għal oġġetti fil-klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: Dikjarazzjoni parzjali ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: L-annullament tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni safejn din iddikjarat l-invalidità tat-trade mark Komunitarja

Motivi invokati: Ksur tad-dritt ta' smiġh tar-rikorrenti skond l-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 u l-ksur ta' l-Artikolu 52 moqri flimkien ma' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament.